MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Numru. 600/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**

**vs**

**Josianne Giusti ta' 38 sena, mart Pierre u bint Michael Farrugia u Carmela nee' Baldacchino, imwielda Attard fis-16 ta' Jannar 1971, toqghod Flat 8, Marray Court, Triq Il-Maghsar, Buramarrad, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta ta'l-identita numru 57571(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Josianne Giusti u cioe` talli fit-3 ta' Gunju 2006 ghal habta tal-4:00p.m. f'dawn il-gzejjer:

1. bil-hsieb li taghmel hsara lil Emanuel Vella, akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti.
2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra Emanuel Vella, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.
3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, jew inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-21 ta' Gunju 2006 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi mugjuba quddiem il-Qorti irrizulta illi dan il-kaz ghandu fl-isfond tieghu kwistjoni familjari bejn l-imputata u Emanuel Vella, l-parti leza f'dina il-kawza. Jidher illi l-imputata u Vella xi zmien ilu kellhom relazzjoni. Sfortunatament ir-relazzjoni ta' bejniethom ma baqghetx wahda tajba tant illi mill-atti processwali jirrizulta illi kienu anke ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta'l-imputata minhabba li hija kienet qed tivvessa lil parti leza (ara sentenza esebita a fol.34 u 35). Illi l-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni jidher illi kellhom bhala sfond dina l-

animosita li kienet tezisti bejn dawn it-tnejn min-nies. Fil-fatt Emanuel Vella fix-xhieda tieghu jakkuza lill-imputata b'dina il-vessazzjoni kontinwa meta ighid: "jiena kelli problemi personali ma' din Josianne Giusti u kienet ilha ghal diversi xhur tippersegwitani u ccempilli anonimament u ddejjaq kemm lili kif ukoll il-familja tieghi. Anke l-imputata stess tammetti illi hija ghandha problemi personali ma' Vella kemm fl-istqarrija taghha kif ukoll fit-tieni telefonata anonima illi hija ghamlet lil WPC37 Sarah Dimech fejn hija fethet qalbha maghha u stqarret illi Vella kien ilu snin twal johloq problemi f'hajjtiha u allegat illi huwa kien mar id-dar taghha u ghamel herba.

Illi dan il-kaz beda meta l-imputata bdiet taghmel serje ta' telefonati l-ewwel gewwa l-ajruport, imbaghad gewwa d-Depot tal-Pulizija fil-Furjana fejn hija bdiet tallega illi Emanuel Vella li kien ser jitlaq fuq titjira lejn Parigi KM468 bhala il-bdot ta'l-istess titjira ma kienx f'siktu u kien fis-sakra u ghalhekk ma kellux jithalla jaghmel dina t-titjira. Fil-fatt hija stqarret ma' WPC37 Sarah Dimech illi dana il-kaptan kien ghadu kemm mar id-dar taghha sabiex jaghmel herba u li kien fis-sakra. Hija baqghet tinsisti mal-kuntistabbli illi dan irrapport ma kienx xi cajta. Wara li sar dana ir-rapport ghalhekk il-kuntistabbli ghaddiet sabiex tinforma is-superjuri taghha b'dan sabiex jibdew isiru l-investigazzjonijiet. Avzat b'dan lis-surgent Publius Cauchi gewwa l-ajruport. L-imputata fuq mistoqsija tal-kuntistabbli Dimech jekk xtaqitx taghmel rapport ghar-rigward ta'l-allegazzjoni taghha illi Vella kien ghamel herba gewwa d-dar taghha, wegbitha illi mhux dana kien l-iskop 'il ghala kienet qed taghmel ir-rapport, izda ghax kienet qed thossha responsabbli ghal nies ohra. Wara ftit madanakollu, l-imputata bdiet turi id-dubbju taghha jekk verament Vella kienx fis-sakra u qalet il-kliem "forget it" lil kuntistabbli Dimech u dana b'referenza ghar-rapport li kienet ghadha kemm ghamlet. Meta imbaghad il-kuntistabbli wissietha sabiex toqghod attenta ghaliex kienet qed taghmel malafama, hija wegibtha "infamani tant, ghandi zewg uliedu" u qaltilha ukoll illi ma huwiex possibbli illi huwa l-ewwel jaghmel herba gewwa darha, imbaghad imur jaghmel titjira qieu ma kien gara xejn.

Illi minn dina l-esposizzjoni tal-fatti ta’ dana il-kaz, il-Qorti mal-ewwel tosserva illi hemm diversi cirkostanzi f’dana ir-rapport maghmul mill-imputata li huma inverosimili. Dana qed jinghad ghaliex il-Qorti issibha kemmxejn difficli temmen kif l-imputata hasset li kellha taghmel rapport ghar-rigward tal-kundizzjoni fizika tal-Kaptan Vella, izda ma xtaqitx taghmel rapport u lanqas hasset il-bzonn li titlob l-assistenza tal-pulizija ghas-sigurta taghha u ta’ uliedha fil-konfront ta’ bniedem li kien ghadu kemm mar ghandha id-dar u ghamel herba! Fil-fatt meta l-kuntistabbli staqsietha dwar dana, hija mal-ewwel qalet lil kuntistabbli sabiex thassar ir-rapport li kienet ghada kemm ghamlet. X’aktarx ghalhekk dana ma kienx minnu u ghalhekk ma reditx lill-pulizija jinvestigaw ulterjorment fuq l-allegata “herba”. Min-naha tieghu l-Kaptan Vella jichad illi huwa mar izur lill-imputata gewwa darha qabel ma mar l-ajruport sabiex jaghmel dina it-titjira. Jidher illi f’dana il-mument anke il-kuntistabbli Dimech nibet fiha is-suspett illi dana ir-rapport seta’ kien wiehed falz u dana peress illi hija hasset li kellha twissi lill-imputata bil-konsgwenzi ta’ dak li kienet qed taghmel. L-imputata izda wegbitha bil-kliem “Infamani tant, ghandi zewg uliedu”, donnha qisha riedet timplika illi kienet qed tpattiehilu ghal dan billi issa qed tinfamah hija stess!

Illi inoltre l-imputata lanqas tidher illi kienet certa mnn dak li qed tghid. Dana qed jinghad peress illi hija ghall-ewwel bdiet tallega illi l-Kaptan Vella kien fis-sakra, izda imbaghad bidet tbiddel dina l-verzjoni fis-sens illi jidher illi hija kienet irraportat dana il-fatt peress illi kien ghadu kemm mar id-dar u ghamlilha herba u xenata u li ghalhekk dehrilha illi ma kienx posibbli ghaliha illi f’dana l-istat mentali seta’ jaghmel it-titjira. Iktar ‘il quddiem qabel qatghet it-telefonata, hija stqraret mal-kuntistabbli illi Vella dejjem jixrob u mhux illi fil-fatt f’dak il-hin u mument huwa kien verament fis-sakra. Fil-fatt fl-istqarrija taghha Dokument JG1 a fols. 32 u 33 tal-process, hija mal-ewwel isemmi kaz fejn Vella kien cemplilha minn gewwa lukanda fi Bristol fejn indunat li kien fis-sakra. Imbaghad tkompli tghid illi fil-gurnata in kwistjoni meta kien ghadda d-dar taghha, hija bdiet tissuspetta illi seta kien xurban mill-

kliem li qalilha. Hija tikkontendi illi kemm meta cemplet gewwa l-ajruport, kif ukoll meta cemplet il-pulizija hija qaltilhom illi l-Kaptan Vella ma kienx f’sikktu u fl-ebda mument ma tghid illi qaltilhom li kien fis-sakra! Fil-fatt meta mistoqsija mill-Ispettur Agius jekk kenitx irraportat illi Vella kien fis-sakra hija wiegbet: “jiena kull ma ghidt illi ma kienx f’sikktu.” Imbaghad meta mistoqsija ghar-rigward tal-herba li kien ghamel gewwa d-dar taghha qabel ma mar ghat-titjira, hija twiegeb: “Ghal herba kont qieghda nirreferi ta’ meta kien gie hdejja dak in-nhar stess u bdejna nargumentaw fuq it-tifla u ta’ sakra peress illi jiena gieni suspett illi setgha kien il-kaz peress li Emanuel deher illi ma kienx fis-siktu u cioe’ kif beda jagixxi u jitkellem”. Minn dana jidher illi fil-fatt meta l-imputata ghamlet ir-rapport in kwistjoni, il-herba li kienet qed taghmel referenza ghaliha kienet biss argument ghar-rigward tat-tifla u is-sakra kienet biss il-fatt illi Vella dehrilha li ma kienx f’siktu minhabba fil-mod li beda jagixxi u jitkellem. Il-konkluzjoni ghalhekk f’dawna ic-cirkostanzi tista’ tkun wahda biss u cioe’ illi r-rapport li holqot l-imputata kien biss kongettura. Dana qed jinghad ghaliex meta interrogata hija biddlet il-verzjoni kollha ta’ dak li kienet irraportata inizjalment fejn kienet holqot alarm dwar bdot li kien ser jaghmel titjira fis-sakra u li kien ghadu kemm ghamel herba shiha gewwa d-dar taghha, ghal suspett ta’ bniedem li ma kienx f’sikktu u li mieghu hija kellha biss argument! L-intenzjoni ta’l-imputata ghalhekk hija wahda cara u l-Qorti thoss li ma ghandhiex ghalfejn toqghod tidhol sabiex tara jekk il-Kaptan Emanuel Vella kienx verament fis-sakra dak in-nhar o meno ghaliex huwa car illi r-rapport maghmul mill-imputata ma kienx wiehed veritjier. Il-fatt illi jidher mix-xhieda l-ohra migjuba mill-prosekuzzjoni fosthom Ray Monreal bhala Flight Operations Officer u l-First Officer Jason Taliana li kollha ikkonfermaw illi il-Kaptan Vella dak in-nhar tat-titjira in kwistjoni fil-fatt kien f’sikktu u ma kienx fis-sakra kollha jikkoroboraw l-fatt illi dak li irraportat l-imputata ma kienx minnu.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata tinsab akkuzata b’zewg imputazzjonijiet. L-ewwel wahda hija dik prevista fl-artikolu 110(2) tal-

Kapitolu 9 u cioe' tal-falza denunzja jew is-simulazzjoni tar-reat, filwaqt illi it-tieni akkuza hija dik prevista fl-artikolu 101 u cioe' dik tal-kalumnja.

**<u>Section 101 – Calumnous or False accusation.</u>**

Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali titratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta'l-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunja falza trid tkun tali illi abbazi ta'l-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."***

Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: ***"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."***

Fl-ahharnett f’sentenza ohta tal-Qorti ta’l-Appelli Kriminali gie deciz: ***“Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta’ kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b’reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta’ dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.” (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)***

<u>**L-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9**</u>:

Ir-reat ikkontemplat f’dan l-artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta’ kalunja. Dana peress illi kif inghad iktar ‘il fuq filwaqt illi ir-reat taht l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina id-disposizzjoni tal-ligi hija imsejjha rejali u indiretta. Il-Professur Mamo ighid hekk fin-noti tieghu:

***“The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence.***

***On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct “such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as***

***aforesaid, becomes known to the competent authority."***

Fl-ahharnett mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati.

**Section 110(2) – the simulation of an offence**

Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior pparti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged … (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."***

F'sentenza moghtija mil-Qorti ta'l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni***

***verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjonui verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali tar-reati li bihom l-imputata tinsab akkuzata johrog car illi il-kaz in dizamina certament ma huwiex il-kaz ta' simulazjoni reali jew indiretta peress illi minn imkien ma irrizulta illi l-imputat kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kienet qed tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz' izda jista' jigi inkwadrat biss taht 'l hekk imsejha simulazzjoni verbali jew diretta peress illi hija irrapurtat lill-Awtorita' kompetenti (u cioe' lill-pulizija) persuna partikolari b'reat u cioe' b'reat previst fic-Civil Aviation Act u precisament fl-artikolu 49(2) ta'l-Air Navigation Order (L.S. 232.05), u l-artikolu 46 ta'l-istess, liema reat igorr mieghu piena karcerarja.

L-imputata akkuzat lil Kaptan Emanuel Vella b'reat u cioe' illi huwa bhala il-kaptan ta' tijira minn Malta lejn Parigi kien ser jaghmel dina it-tijira fi stat ta' sokor. Illi kif diga inghad iktar 'il fuq, huwa car mill-provi migjuba illi l-imputata kienet taf ben tajjeb illi dana ma kienx minnu u inoltre illi r-raguni 'il ghala hija ghamlet dana kien proprju biex taghmel hsara lil Kaptan, dana konsegwenza ta' animosita' li kien hemm bejniethom minhabba inkwiet li huma kellhom fir-relazzjoni taghhom.

Illi dwar l-akkuza tar-recidiva dina ukoll giet ampjament ippruvata mill-prosekuzzjoni u dana fid-dawl tas-sentenza esebita a fol.34 tal-process bhala Dokument JG2 u x-xhieda ta'l-Ispettur Therese Sciberras li tinsab a fol.50 et seq. tal-process.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputata li ma hijiex xi wahda allarmanti, izda fuq kollox il-fatt illi dana ir-reat ghandu bhala sfond  problemi familjari li ghandhom jigu indirizzati minnufih bejn iz-zewg partijiet f’dina il-kawza u dana fl-ahjar gid ta’binthom. Ghaldaqstant il-Qorti thoss illi piena karcerarja effettiva f’dana il-kaz ma hijiex idonja. Il-Qorti madanakollu twissi lill-imputata li jekk dana l-agir jirrepeti ruhu, mhux ser ikun hemm klemenza u dana peress illi l-pulizija ezekuttiv qieghda hemm sabiex taghti servizz lic-cittadin u mhux sabiex tigi manipulata ghal interessi personali!

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 49, 50, 101(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni u it-tielet akkuzi stante illi dawn inghataw bhala kapi alternattivi ghall-ewwel wahda, issib lill-imputata hatja ta’l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghha u ta’l-akkuza dwar ir-recidiva u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkomettiex reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberta’ kondizzjonata

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------